

Brussell, 6 ta' Lulju 2021
(OR. en)

10154/21

Fajl Interistituzzjonali:
2021/0158 (NLE)

ECOFIN 639
CADREFIN 334
UEM 174
FIN 515

ATTI LEĠISLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL dwar l-approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza għad-Danimarka

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL

ta'....

dwar l-approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza għad-Danimarka

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2021/241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Frar 2021 li jstabbilixxi l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza¹, u b'mod partikulari l-Artikolu 20 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

¹ ĠU L 57, 18.2.2021, p. 17.

Billi:

- (1) It-tifqigħa tal-COVID-19 kellha impatt ta' tfixkil fuq l-ekonomija tad-Danimarka. Fl-2019, il-prodott domestiku gross (PDG) *per capita* tad-Danimarka kien ta' 172 % tal-medja tal-Unjoni. Skont it-tbassir tar-Rebbiegħa 2021 tal-Kummissjoni, il-PDG reali tad-Danimarka naqas bi 2,7 % fl-2020, u huwa mistenni li jiżdied b'0,1 % b'mod kumulattiv fl-2020 u l-2021. Aspetti fit-tul b'impatt fuq il-prestazzjoni ekonomika fuq terminu medju jinkludu suq tax-xogħol li jiffunzjona tajjeb, settur tal-manifattura b'saħħtu u orjentat lejn l-esportazzjoni kif ukoll servizzi soċjali żviluppati. Filwaqt li l-livell ta' produttività fl-ekonomija Daniża għadu fost l-ogħla fl-Unjoni, it-tkabbir tal-produttività kien kajman għal perjodu twil, b'mod partikolari fis-settur tas-servizzi orjentati domestikament. L-iżgurar tal-provvista ta' ħaddiema fi żminijiet ta' bidliet demografiċi u teknoloġiċi u l-indirizzar tan-nuqqas ta' ħaddiema, b'mod partikolari ta' ħaddiema tas-sengħa u speċjalisti tal-ICT, jibqgħu kruċjali biex jitrawwem tkabbir sostenibbli u inklużiv fid-Danimarka.

(2) Fid-9 ta' Lulju 2019 u fl-20 ta' Lulju 2020, il-Kunsill indirizza r-rakkomandazzjonijiet lid-Danimarka fil-kuntest tas-Semestru Ewropew. B'mod partikolari, il-Kunsill irrakkomanda li d-Danimarka tieħu l-miżuri kollha meħtieġa biex tindirizza b'mod effettiv il-pandemija, tikseb pożizzjonijiet fiskali prudenti fuq terminu medju u tiżgura s-sostenibbiltà tad-dejn, filwaqt li żżid l-investment. Irrakkomanda wkoll li d-Danimarka ttejjeb ir-reżiljenza tas-sistema tas-saħħa tagħha. Ġew rakkomandati l-antiċipazzjoni ta' proġetti maturi ta' investment pubbliku u l-promozzjoni tal-investment privat biex jitravwem l-irkupru ekonomiku. Il-Kunsill irrakkomanda wkoll li d-Danimarka tiffoka l-investment fuq it-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali, b'mod partikolari fuq il-produzzjoni u l-użu nodfa u effiċjenti tal-enerġija, it-trasport sostenibbli kif ukoll ir-riċerka u l-innovazzjoni, inkluż bl-oġettiv li titwessa' l-bażi tal-innovazzjoni. Fl-aħħar nett, il-Kunsill irrakkomanda li d-Danimarka ittejjeb l-effettività tas-superviżjoni tagħha kontra l-ħasil tal-flus u tinforza b'mod effettiv il-qafas tagħha kontra l-ħasil tal-flus. Wara li vvalutat il-progress fl-implimentazzjoni ta' dawn ir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż fiż-żmien tas-sottomissjoni tal- (RPP), il-Kummissjoni ssib li d-Danimarka għamlet progress sostanzjali fuq ir-rakkomandazzjoni biex tieħu l-miżuri kollha meħtieġa biex tindirizza b'mod effettiv il-pandemija, tikseb pożizzjonijiet fiskali prudenti fuq terminu medju u tiżgura s-sostenibbiltà tad-dejn, filwaqt li żżid l-investment. Id-Danimarka għamlet xi progress dwar ir-rakkomandazzjoni biex ittejjeb ir-reżiljenza tas-sistema tas-saħħa tagħha. L-istess japplika għar-rakkomandazzjoni għall-antiċipazzjoni ta' proġetti maturi ta' investment pubbliku u l-promozzjoni tal-investment privat biex jitravwem l-irkupru ekonomiku kif ukoll fir-rigward tar-rakkomandazzjoni tal-iffukar tal-investment fuq it-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali, b'mod partikolari fuq il-produzzjoni u l-użu nodfa u effiċjenti tal-enerġija, it-trasport sostenibbli kif ukoll ir-riċerka u l-innovazzjoni. Ġie nmutat xi progress fir-rigward tal-oġettiv tat-twessigħ tal-bażi tal-innovazzjoni. Il-Kummissjoni ssib li d-Danimarka għamlet xi progress fit-tijib tal-effettività tas-superviżjoni tagħha kontra l-ħasil tal-flus u fl-infurzar b'mod effettiv tal-qafas tagħha kontra l-ħasil tal-flus.

- (3) Fit-30 ta' April 2021, id-Danimarka ppreżentat l-RRP tagħha a lill-Kummissjoni, f'konformità mal-Artikolu 18(1) tar-Regolament (UE) 2021/241. Dik is-sottomissjoni segwiet proċess ta' konsultazzjoni, imwettaq f'konformità mal-qafas legali nazzjonali, bl-involvement tal-awtoritajiet lokali u reġjonali, is-sħab soċjali, u partijiet ikkonċernati rilevanti oħra. Is-sjieda nazzjonali tal-RRPs tinfed l-implimentazzjoni b'suċċess tagħhom u l-impatt dejjiemi tagħhom fil-livell nazzjonali u l-kredibbiltà fil-livell Ewropew . Skont l-Artikolu 19 tar-Regolament (UE) 2021/241, il-Kummissjoni vvalutat ir-rilevanza, l-effettività, l-effiċjenza u l-koerenza tal-RRP tad-Danimarka, f'konformità mal-linji gwida tal-valutazzjoni stabbiliti fl-Anness V ta' dak ir-Regolament.
- (4) L-RRPs jenħtieġ li jsegwu l-oġettivi ġenerali tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza stabbilita bir-Regolament (UE) 2021/241 ("il-Faċilità") u tal-Istrument tal-Unjoni Ewropea għall-Irkupru stabbilit bir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2020/2094¹ sabiex jiġi appoġġat l-irkupru wara l-kriżi tal-COVID-19. Huma jenħtieġ li jippromwovu l-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali tal-Unjoni billi jikkontribwixxu għas-sitt pilastri msemmija fl-Artikolu 3 tar-Regolament (UE) 2021/241.

¹ Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2020/2094 tal-14 ta' Diċembru 2020 li jstabbilixxi l-Istrument tal-Unjoni Ewropea għall-Irkupru biex jappoġġa l-irkupru wara l-kriżi tal-COVID-19 (ĠU L 433I, 22.12.2020, p. 2).

- (5) L-implimentazzjoni tal-RRPs tal-Istati Membri ser tikkostitwixxi sforz ikkoordinat li jinvolvi riformi u investimenti fl-Unjoni kollha. Permezz ta' implimentazzjoni kkoordinata u simultanja u l-implimentazzjoni ta' proġetti transfruntiera u multinazzjonali, tali riformi u investimenti ser isaħħu lil xulxin b'mod reċiproku u jġġeneraw effetti konsegwenzjali pożittivi fl-Unjoni kollha. Għalhekk, madwar terz tal-impatt tal-Faċilità fuq it-tkabbir u l-ħolqien tal-impjiegi tal-Istati Membri ser jiġi minn effetti konsegwenzjali minn Stati Membri oħra.

Rispons bilanċjat li jikkontribwixxi għas-sitt pilastri

- (6) F'konformità mal-Artikolu 19(3)(a) u mal-kriterju 2.1 tal-Anness V tar-Regolament (UE) 2021/241, l-RRP jirrappreżenta (Klassifikazzjoni A) rispons komprensiv u bilanċjat b'mod adegwat għas-sitwazzjoni ekonomika u soċjali, u b'hekk jikkontribwixxi b'mod xieraq għas-sitt pilastri kollha kemm huma msemmija fl-Artikolu 3 ta' dak ir-Regolament, filwaqt li jqis l-isfidi speċifiċi li qed tiffaċċja d-Danimarka u l-allokkazzjoni finanzjarja għaliha.

- (7) L-Artikolu 3 tar-Regolament (UE) 2021/241 jipprevedi li l-kamp ta' applikazzjoni tal-Faċilità jenħtieġ li jirreferi għal oqsma ta' politika ta' rilevanza Ewropea strutturati f'sitt pilastri: (a) it-tranżizzjoni ekoloġika; (b) it-trasformazzjoni diġitali; (c) tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklużiv, inklużi l-koeżjoni ekonomika, l-impjiegi, il-produttività, il-kompetittività, ir-riċerka, l-iżvilupp u l-innovazzjoni, u suq intern li jiffunzjona tajjeb b' intrapriżi żgħar u medji (SMEs) b'saħħithom; (d) il-koeżjoni soċjali u territorjali; (e) reżiljenza tas-saħħa, ekonomika, soċjali u istituzzjonali, bil-għan li, fost l-oħrajn, tiżdied it-tnejn għall-kriżijiet u l-kapaċità ta' rispons għall-kriżijiet; u (f) politiki għall-ġenerazzjoni li jmiss, it-tfal u ż-żgħażaġh, bħall-edukazzjoni u l-ħiliet.
- (8) L-RRP jinkludi miżuri li jikkontribwixxu għas-sitt pilastri kollha, b'għadd sinifikanti tal-komponenti tal-RRP li jindirizzaw diversi pilastri simultanjament. Approċċ bħal dan jgħin biex jiżgura li kull pilastru jiġi indirizzat b'mod komprensiv u koerenti. Barra minn hekk, minħabba l-isfidi speċifiċi tad-Danimarka, l-enfasi partikolari fuq it-tranżizzjoni ekoloġika kif ukoll fuq it-tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklużiv, flimkien mal-ponderazzjoni globali bejn il-pilastri, l-RRP jipprovdi fil-biċċa l-kbira rispons komprensiv u bbilanċjat b'mod adegwat għas-sitwazzjoni ekonomika u soċjali.
- (9) L-RRP jikkostitwixxi tweġiba bbilanċjata, koerenti u ambizzjuża għall-isfidi tad-Danimarka u jindirizza b'mod effettiv l-isfidi ewlenin marbuta mal-irkupru u r-reżiljenza futura, b'mod partikolari t-tranżizzjoni doppja ekoloġika u diġitali filwaqt li jsaħħaħ il-biodiversità. L-istimulazzjoni tat-tkabbir u l-ħolqien tal-impjiegi kif ukoll it-tiħiħ tas-sistema tal-kura tas-saħħa huma mistennija li jappoġġaw soċjetà aktar reżiljenti u koeżiva.

- (10) L-RRP jiffoka b'mod qawwi fuq it-tranżizzjoni ekoloġika b'miżuri relatati mal-enerġija u l-klima f'ħamsa minn seba' komponenti. Il-miżuri jinkludu l-implimentazzjoni ta' riforma tat-taxxa ekoloġika, il-promozzjoni tal-investimenti fl-effiċjenza enerġetika, it-trasport bit-triq sostenibbli, l-agrikoltura u r-riċerka u l-iżvilupp ekoloġiċi. L-RRP jindirizza l-isfidi diġitali relatati f'diversi oqsma, bħall-ħolqien ta' strateġija diġitali ġdida, l-appoġġ għall-investimenti tal-SMEs fid-diġitalizzazzjoni, l-estensjoni tal-kopertura tal-broadband rurali u l-insewiment tad-diġitalizzazzjoni tas-settur tal-kura tas-saħħa. L-iskemi tat-taxxa ġenerali huma mistennija li jinċitaw l-antiċipazzjoni tal-investment ekoloġiku, diġitali u dak relatat mar-RuĴ, filwaqt li r-riforma tat-taxxa ekoloġika hija mistennija li taċċellera t-tranżizzjoni ekoloġika.
- (11) Il-miżuri kollha li jirfdu l-komponenti tal-RRP ikopru b'mod estensiv politiki li jikkontribwixxu għal tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklużiv, impjiegi, kompetittività, u suq intern li jiffunzjona tajjeb. L-RRP għandu fokus robust fuq ir-riċerka u l-iżvilupp ("RuĴ") b'aktar minn 17 % tal-infiq totali allokat għal proġetti RuĴ ekoloġiċi. L-investimenti fir-RuĴ huma mistennija li jkollhom effett kollaterali pożittiv fuq il-produttività. Il-proġetti ta' kostruzzjoni previsti fl-RRP huma mistennija li jappoġġaw lill-SMEs u l-impjiegi lokali, filwaqt li l-iskema ta' appoġġ diġitali tal-SMEs hija mistennija li tgħinhom jegħlbu l-ostakli għall-investment u l-użu ta' teknoloġiji ġodda u avvanzati u soluzzjonijiet ta' kummerċ elettroniku. L-estensjoni tal-kopertura tal-broadband rurali b'veloċità għolja ħafna għal żoni fejn konnessjonijiet bħal dawn ma kinux jeżistu qabel għandha l-potenzjal li ddaħħal SMEs ġodda fl-ekonomija diġitali.

L-indirizzar tal-isfidi kollha jew ta' subsett sinifikanti ta' sfidi identifikati fir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi

- (12) F'konformità mal-Artikolu 19(3)(b) u mal-kriterju 2.2 tal-Anness V tar-Regolament (UE) 2021/241, l-RRP huwa mistenni li jikkontribwixxi biex jiġu indirizzati b'mod effettiv l-isfidi kollha jew subsett sinifikanti ta' sfidi (Klassifikazzjoni A) identifikati fir-rakkomandazzjonijiet rilevanti speċifiċi għall-pajjiżi indirizzati lid-Danimarka, inklużi l-aspetti fiskali tagħha jew l-isfidi identifikati f'dokumenti rilevanti oħra adottati uffiċjalment mill-Kummissjoni fil-kuntest tas-Semestru Ewropew.
- (13) L-RRP jinkludi sett estensiv ta' riformi u investimenti li jsaħħu lil xulxin li jikkontribwixxu biex jindirizzaw b'mod effettiv subsett sinifikanti tal-isfidi ekonomiċi u soċjali jew kollha deskritti fir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż indirizzati lid-Danimarka mill-Kunsill fis-Semestru Ewropew fl-2019 u fl-2020, b'mod partikolari fl-oqsma tal-enerġija, il-klima u l-investimenti diġitali, ir-reżiljenza tal-kura tas-saħħa kif ukoll ir-riċerka u l-iżvilupp.

- (14) L-għan ewlieni tal-RRP huwa li titħaffef it-tranżizzjoni ekoloġika. Inizjattiva ewlenija ta' riforma hija r-riforma tat-taxxa ekoloġika. Fl-ewwel pass, ir-riforma tat-taxxa ekoloġika tinkludi żieda fit-tnaqqis tat-taxxa għall-investimenti biex jinholq inċentiv għall-kumpaniji biex iħaffu l-investimenti ekoloġiċi, li huwa mistenni li jiffaċilita l-implimentazzjoni tar-riforma. Fit-tieni pass, it-taxxi fuq l-enerġija ser jizziedu mill-2023 u ser jimmiraw għall-kontenut tas-CO2 tal-enerġija fossili, u b'hekk jipprovdu inċentiv biex tintuża enerġija nadifa u jitnaqqsu l-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra. Barra minn hekk, l-RRP fih komponenti ddedikati li jiffukaw fuq it-titjib tal-effiċjenza enerġetika għad-djar, l-industrija u l-bini pubbliku, jippromwovu soluzzjonijiet ta' trasport sostenibbli u jipprovdu finanzjament għal proġetti ta' riċerka u żvilupp ekoloġiċi.
- (15) L-RRP fih diversi miżuri ġenerali u mmirati biex titrawwem it-tranżizzjoni diġitali. L-iskemi ta' deprezzament taħt ir-riforma tat-taxxa ekoloġika huma mistennija wkoll li fil-biċċa l-kbira jrawmu investimenti diġitali. Skemi ta' sussidju mmirati għandhom jappoġġaw l-isforzi ta' diġitalizzazzjoni tal-SMEs u jgħinu biex jestendu l-kopertura tal-broadband rurali għal żoni fejn ma kinitx disponibbli qabel. L-“istrateġija diġitali” l-għdida tad-Danimarka hija mistennija li twassal għal riformi sostanzjali biex tkompli ttejjeb ir-riżultati tad-diġitalizzazzjoni tal-amministrazzjoni pubblika — filwaqt li żżomm f'moħħha l-interoperabbiltà li tipprovi lin-nies u lin-negozji aċċess aħjar għas-settur pubbliku.

- (16) L-RRP għandu fokus robust fuq RuŻ. Jinkludi finanzjament għal RuŻ pubbliċi-privati bbażat fuq it-tranżizzjoni ekoloġika kif ukoll li temporanjament iżidu l-limitu ġenerali għat-tnaqqis tat-taxxa fuq ir-riċerka u l-iżvilupp biex jitrawmu investimenti bħal dawn. Barra minn hekk, dawn il-miżuri huma mistennija li jinċentivaw aktar kumpaniji biex jinvolvu ruħhom f'attivitajiet tar-RuŻ u b'hekk titwessa' l-bażi tal-innovazzjoni. Is-sħubijiet ta' riċerka ekoloġika huma mistennija li jifflu possibbiltajiet ġodda għall-SMEs biex jipparteċipaw f'attivitajiet ta' RuŻ relatati mal-klima u jippromwovu d-diffużjoni tal-innovazzjoni.
- (17) L-RRP fih miżuri li huma mistennija li jżidu r-reżiljenza tas-sistema tal-kura tas-saħħa. Dan jinvolvi infrastruttura u appoġġ loġistiku biex jiġu żgurati ħażniet ta' drogi kritiċi u l-ġestjoni u l-monitoraġġ ta' emerġenza ta' prodotti mediċi kritiċi. Diġitalizzazzjoni akbar u użu akbar tat-telemediċina jiżguraw aċċess aħjar u aktar ekwu għal ċerti servizzi tal-kura tas-saħħa. L-istudju ta' riċerka relatat mal-COVID għandu jeżamina l-grad u t-tul ta' żmien tal-immunità u jistabbilixxi jekk l-effettività tat-tilqim tvarja fost gruppi differenti tal-popolazzjoni.
- (18) Ir-rakkomandazzjonijiet relatati mar-rispons immedjat tal-politika fiskali għall-pandemija jistgħu jitqiesu li jaqgħu barra mill-kamp ta' applikazzjoni tal-RRP tad-Danimarka, minkejja l-fatt li d-Danimarka ġeneralment wiegħbet b'mod adegwat u suffiċjenti għall-ħtieġa immedjata li l-ekonomija tiġi appoġġata permezz ta' mezzi fiskali fl-2020 u fl-2021, f'konformità mal-klawsola liberatorja ġenerali tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir.

Kontribut għall-potenzjal tat-tkabbir, il-ħolqien tal-impjiegi, u r-reżiljenza ekonomika, soċjali u istituzzjonali

- (19) F'konformità mal-Artikolu 19(3)(c) u mal-kriterju 2.3 tal-Anness V tar-Regolament (UE) 2021/241, l-RRP huwa mistenni li jkollu impatt qawwi (Klassifikazzjoni A) fuq it-tiġid tal-potenzjal tat-tkabbir, il-ħolqien tal-impjiegi, u r-reżiljenza ekonomika, soċjali u istituzzjonali tad-Danimarka, filwaqt li jikkontribwixxi għall-implimentazzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, inkluż permezz tal-promozzjoni ta' politiki għat-tfal u ż-żgħażaġh, u fuq it-taffija tal-impatt ekonomiku u soċjali tal-kriżi tal-COVID-19, u b'hekk isaħħaħ il-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali u l-konverġenza fl-Unjoni.
- (20) Is-simulazzjonijiet mis-servizzi tal-Kummissjoni juru li l-RRP, flimkien mal-bqija tal-miżuri tal-Istrument tal-Unjoni Ewropea għall-Irkupru, għandu l-potenzjal li jżid il-PDG tad-Danimarka b'bejn 0,4 u 0,6 % sal-2024, mingħajr l-inklużjoni tal-possibbiltà ta' impatt pożittiv tar-riformi strutturali, li jista' jkun wieħed sostanzjali. L-RRP jinkludi pakkett ambizzjuż ta' riformi u investimenti biex jiġu indirizzati l-vulnerabbiltajiet tal-pajjiż għax-xokkijiet u biex tissaħħaħ ir-reżiljenza ekonomika, istituzzjonali u soċjali tiegħu. Il-miżuri proposti huma mistennija li jsaħħu l-kompetittività u l-produttività tad-Danimarka billi jappoġġaw l-investimenti u jipromwovu r-Ruġ, l-innovazzjoni u d-diġitalizzazzjoni. B'mod ġenerali, l-implimentazzjoni tal-RRP hija mistennija li tikkontribwixxi b'mod pożittiv għat-tkabbir tal-PDG u t-tkabbir tal-impjiegi fuq medda qasira ta' żmien u li ssaħħaħ il-produzzjoni potenzjali fuq terminu medju u twil.

- (21) L-implimentazzjoni tal-RRP hija mistennija li tgħin biex jinżamm livell għoli ta' koeżjoni soċjali permezz ta' żieda fl-impjiegi fiż-żoni rurali u bl-estensjoni tas-servizzi diġitali. Il-kontributi ewlenin kemm għat- tkabbir kif ukoll għall-impjiegi huma mistennija li jġu minn investimenti ekoloġiċi u diġitali antiċipati, rinnovazzjonijiet tal-bini relatati mal- effiċjenza fl-enerġija, investimenti fit-trasport sostenibbli, is-setturi tal-agrikoltura u r-riċerka u l-iżvilupp. L-implimentazzjoni tal-RRP hija mistennija wkoll li tikkontribwixxi għall-koeżjoni soċjali permezz ta' miżuri mmirati lejn gruppi vulnerabbli. Barra minn hekk, l-impatt pożittiv fuq l-impjiegi huwa mistenni li jintegra b'mod aħjar persuni fil- marġni tas-suq tax-xogħol, inklużi persuni b'inqas edukazzjoni u taħriġ formali, ħaddiema bi sfond ta' migrazzjoni u persuni b'diżabilità. Waħda mill-miżuri tal-RRP għandha l-għan li tipprovdi lill-gruppi vulnerabbli b'aċċess aħjar u iktar ekwu għall-kura tas-saħħa permezz tat-telemediċina.

- (22) L-implimentazzjoni tal-RRP hija mistennija li tagħti kontribut pożittiv għar-reżiljenza ekonomika, istituzzjonali u soċjali tad-Danimarka. Ir-reżiljenza ekonomika hija msaħħa b'mod partikolari bl-iskemi ta' ammortizzament tar-riforma fiskali ambjentali li jappoġġaw lill-impriżi, b'mod partikolari lill-SMEs, kif ikoll bl-investimenti diġitali u dawk marbuta mar-Ruġ. . L-RRP huwa mistenni li jtejjeb ir-reżiljenza istituzzjonali permezz ta' miżuri dwar id-diġitalizzazzjoni tal-kura tas-saħħa, permezz ta' appoġġ loġistiku u infrastrutturali għal prodotti mediċi kritiċi u permezz tar-riformi u investimenti previsti fl-amministrazzjoni pubblika skont l-istrateġija diġitali l-għdida. Ir-reżiljenza soċjali għandha titejjeb permezz ta' miżuri li jiffukaw fuq it-tiżni tar-reżiljenza tas-sistema tal-kura tas-saħħa jew li jikkontribwixxu għal aktar impjiegi. Il-miżuri ser jgħinu biex titwettagħ l-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali approvat fis-Summit ta' Porto tas-7 ta' Mejju 2021 u huma mistennija li jikkontribwixxu għat-titjib tal-livelli tal-indikaturi tat-Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali.

La tagħmilx ħsara sinifikanti

- (23) F'konformità mal-Artikolu 19(3)(d) u mal-kriterju 2.4 tal-Anness V tar-Regolament (UE) 2021/241, l-RRP huwa mistenni jżgura li l-ebda miżura għall-implimentazzjoni ta' riformi u proġetti ta' investiment inkluża fl-RRP ma tagħmel ħsara sinifikanti lill-oġettivi ambjentali (Klassifikazzjoni A) fis-sens tal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2020/852 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹ (il-prinċipju "la tagħmilx ħsara sinifikanti").

¹ Ir-Regolament (UE) 2020/852 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Ġunju 2020 dwar l-istabbiliment ta' qafas biex jiġi ffaċilitat l-investiment sostenibbli, u li jemenda r-Regolament (UE) 2019/2088 (ĠU L 198, 22.6.2020, p. 13).

- (24) F'konformità mal-gwida teknika pprovduta fl-Avviż tal-Kummissjoni intitolat "Gwida teknika dwar l-applikazzjoni ta' "ma tagħmilx ħsara sinifikanti" skont ir-Regolament dwar il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza¹, id-Danimarka pprovdiet ġustifikazzjoni li l-RRP tagħha ma jagħmel l-ebda ħsara sinifikanti lil ebda objettiv ambjentali. Dan huwa wkoll il-każ b'mod partikolari għall-komponent relatat mal-effiċjenza enerġetika li jiffoka fuq is-sostituzzjoni tal-burners taż-żejt u l-fran tal-gass b'pompi tas-sħana elettriċi. Dan huwa wkoll il-każ għat-trasport sostenibbli, li għalih assi mobbli b'emissjonijiet zero jew baxxi biss jenħtieġ li jiġu appoġġati skont ir-Regolament (UE) 2021/241.

Kontribut għat-tranżizzjoni ekoloġika inkluża l-bijodiversità

- (25) F'konformità mal-Artikolu 19(3)(e) u mal-kriterju 2.5 tal-Anness V tar-Regolament (UE) 2021/241, l-RRP jinkludi miżuri li fil-parti l-kbira (Klassifikazzjoni A) jikkontribwixxu għat-tranżizzjoni ekoloġika, inkluża l-bijodiversità, jew biex jiġu indirizzati l-isfidi li jirriżultaw minnha. Il-miżuri li jappoġġaw l-objettivi klimatiċi jammontaw għal ammont li jirrappreżenta 59 % tal-allokkazzjoni totali tal-RRP, ikkalkulata skont il-metodoloġija stabbilita fl-Anness VI tar-Regolament (UE) 2021/241. Skont l-Artikolu 17 ta' dak ir-Regolament, l-RRP huwa konsistenti mal-informazzjoni inkluża fil-Pjan Nazzjonali għall-Enerġija u l-Klima 2030 tad-Danimarka. Il-fokus ewlieni tal-RRP huwa li titħaffef it-tranżizzjoni ekoloġika. Il-miżuri fl-RRP huma allinjati mal-Pjan Nazzjonali tal-Enerġija u l-Klima tad-Danimarka (National Energy and Climate Plan) għall-2021-2030 jew imorru lil hinn f'termini ta' ambizzjoni fl-effiċjenza enerġetika. Il-miżuri huma allinjati wkoll mal-objettiv ġenerali tad-Danimarka li tnaqqas l-emissjonijiet tal-gassijiet serra b'70 % sal-2030 meta mqabbla mal-1990 u li ssir newtrali għall-klima sa mhux aktar tard mill-2050.

¹ ĠU C 58, 18.2.2021, p. 1.

- (26) L-akbar inizjattiva ta' riforma tal-RRP hija r-riforma tat-taxxa ekoloġika, l-antiċipazzjoni tal-investiment ekoloġiku u ż-żieda tat-taxxi fuq l-enerġija mill-2023 biex jitnaqqsu l-emissjonijiet tal-gassijiet serra. Il-komponent fih miżuri biex tizzied l-effiċjenza enerġetika tad-djar, tal-industrija kif ukoll tal-bini pubbliku. L-RRP jinkludi riformi mmirati u investiment fis-setturi tat-trasport u tal-agrikoltura, li huma l-akbar żewġ kontributuri fid-Danimarka għall-emissjonijiet minn setturi mhux koperti mill-iskema għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet. Il-komponent "trasport bit-triq sostenibbli" fih riforma għat-tibdil fit-tassazzjoni u ż-żieda fl-iskema ta' skrappjar għal karozzi diżil qodma u miżuri għall-promozzjoni ta' trasport u infrastruttura ekoloġiċi. Il-komponent "tranżizzjoni ekoloġika tal-agrikoltura u l-ambjent" jinkludi riforma għat-twarrib ta' art agrikola b'kontenut għoli ta' ħamrija b'livell għoli ta' karbonju għal skopijiet ambjentali u klimatiċi u jipprevedi investiment għall-promozzjoni tal-biedja organika, l-innovazzjoni u r-riabilitazzjoni ta' siti industrijali u art kontaminata, fost azzjonijiet oħra.
- (27) I-kisba tal-miri tad-Danimarka għat-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra ma għandhiex tirrikjedi biss investimenti u riformi sinifikanti fl-ekonomija kollha iżda wkoll riċerka u innovazzjonijiet ġodda. Il-komponent tar-"riċerka u l-iżvilupp ekoloġiċi" fih żieda temporanja ta' tnaqqis tat-taxxa tar-RuĴ għall-kumpaniji kollha biex jinċentivaw l-innovazzjoni ekoloġika, filwaqt li s-sħubiji tar-RuĴ ibbażati fuq missjoni jenħtieġ li jiffokaw fuq objettivi speċifiċi biex jiġi esplorat it-tnaqqis potenzjali tal-gassijiet serra fil-futur qrib. Proġett ta' riċerka dwar il-qbid u l-ħżin tal-karbonju għandu jeżamina l-possibbiltà li jinħażen is-CO₂ f'għelieqi taż-żejt u tal-gass eżawriti taħt il-Baħar tat-Tramuntana, li għandu l-potenzjal li jaħżen is-CO₂ minn Stati Membri oħra.

Kontribut għat-tranżizzjoni diġitali

- (28) F'konformità mal-Artikolu 19(3)(f) u mal-kriterju 2.6 tal-Anness V tar-Regolament (UE) 2021/241, l-RRP jinkludi miżuri li fil-parti l-kbira (Klassifikazzjoni A) jikkontribwixxu għat-tranżizzjoni ekoloġika, inkluża l-bijodiversità, jew biex jiġu indirizzati l-isfidi li jirriżultaw minnha. Il-miżuri li jappoġġaw l-oġettivi diġitali jammontaw għal 25 % tal-allokkazzjoni totali tal-RRP ikkalkulata skont il-metodoloġija stabbilita fl-Anness VI tar-Regolament (UE) 2021/241.
- (29) L-RRP fih investimenti fid-diġitalizzazzjoni tan-negozji biex tissaħħaħ b'mod partikolari l-pożizzjoni tal-SMEs fis-suq uniku diġitali. Barra minn hekk, l-RRP jinkludi wkoll miżuri biex tiżdied id-diġitalizzazzjoni tal-amministrazzjoni pubblika tal-pajjiż sabiex jiġu ssodisfati l-ħtiġijiet li qed jevolvu taċ-ċittadini u n-negozji meta jinteraġixxu mal-amministrazzjoni pubblika. Sabiex l-irkupru ekonomiku jiġi kkonċentrat minn qabel u n-negozji jiġu inċentivati jinvestu f'teknoloġija moderna, ekoloġika u diġitali fid-dawl taż-żieda fit-taxxa fuq l-emissjonijiet tas-CO₂, l-RRP fih ukoll għadd ta' skemi tat-taxxa wesgħin li jenħtieġ li jiġġeneraw għadd sinifikanti ta' investimenti privati fit-teknoloġija diġitali. L-implimentazzjoni tal-miżuri proposti hija mistennija li tikkontribwixxi b'mod sinifikanti għat-trasformazzjoni diġitali.
- (30) Biex jiġu indirizzati l-isfidi li ġġib magħha t-tranżizzjoni diġitali, l-istrateġija diġitali għandha tinkludi miżuri biex jiġu żviluppata l-ħiliet diġitali. Fl-aħħar nett, għal aktar koerenza, l-RRP fih ukoll investimenti biex jiġi introdott broadband b'veloċità għolja ħafna f'żoni rurali. L-implimentazzjoni tal-miżuri proposti hija mistennija li tikkontribwixxi b'mod sinifikanti biex jiġu indirizzati l-isfidi li jirriżultaw mit-tranżizzjoni diġitali.

Impatt dejjiemi

- (31) F'konformità mal-Artikolu 19(3)(g) u mal-kriterju 2.7 tal-Anness V tar-Regolament (UE) 2021/241, l-RRP huwa mistenni li jkollu impatt (Klassifikazzjoni A) fit-tul fuq id-Danimarka.
- (32) L-implimentazzjoni tar-riformi previsti hija mistennija twassal għal bidla strutturali dejjiema fl-ekonomija. Iż-żieda fit-taxxi fuq l-enerġija, u aktar tard l-introduzzjoni ta' taxa uniformi fuq l-emissjonijiet tal-gassijiet serra, għandhom jgħinu biex titħaffef it-trasformazzjoni ekoloġika tal-ekonomija biex jitnaqqsu b'mod permanenti l-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra. Miżuri u investimenti oħra jappoġġaw l-oġettiv tat-tranżizzjoni ekoloġika tal-ekonomija b'mod koerenti u effiċjenti, b'mod partikolari billi jiffokaw il-finanzjament fuq setturi bl-akbar emissjonijiet ta' gassijiet serra (jiġifieri t-transport u l-agrikoltura) u jtejbu l-effiċjenza enerġetika fl-istess ħin.
- (33) Ir-riformi ewlenin tal-RRP huma mistennija li jiġu segwiti wkoll wara l-2026. Il-proġetti ambizzjużi ta' RuĠ tal-RRP jista' jkollhom impatt pożittiv fit-tul fuq il-kisba tal-oġettivi klimatiċi, b'mod partikolari dawk li jtejbu l-qbid u l-ħżin tal-karbonju. Sistemi ta' ġestjoni aktar b'saħħithom għal provvisti kritiċi fis-settur tas-saħħa għandhom jikkontribwixxu għar-reżiljenza fit-tul f'dan is-settur. L-investimenti relatati mas-settur diġitali u l-implimentazzjoni tal-istrateġija diġitali huma mistennija li jkollhom impatt dejjiemi permezz tat-trasformazzjoni diġitali aċċellerata tal-amministrazzjoni pubblika tal-pajjiż u l-SMEs.
- (34) L-impatt dejjiemi tal-RRP jista' jissaħħaħ ukoll permezz ta' sinerġiji bejn l-RRP u programmi oħra, inklużi dawk iffinanzjati mill-Fondi tal-Politika ta' Koeżjoni.

Monitoraġġ u implimentazzjoni

- (35) F'konformità mal-Artikolu 19(3)(h) u mal-kriterju 2.8 tal-Anness V tar-Regolament (UE) 2021/241, l-arranġamenti proposti fl-RRP, inkluża l-iskeda ta' żmien prevista, l-istadji importanti u l-miri u l-indikaturi relatati, huma adegwati (Klassifikazzjoni A) biex jiżguraw monitoraġġ u implimentazzjoni effettivi tal-RRP. L-arranġamenti jikkonsistu f'żewġ livelli ta' kontroll u awditjar: livell ċentrali, li huwa addizzjonali għall-mekkaniżmi eżistenti ta' kontroll u verifika u l-livell deċentralizzat eżistenti. Il-Ministeru tal-Finanzi huwa responsabbli għall-koordinazzjoni u l-iżgurar li l-awditjar u l-kontrolli għall-implimentazzjoni tal-RRP jkunu sodi u jiffunzjonaw tajjeb fil-ministeri kkonċernati.
- (36) L-istadji importanti u l-miri huma ċari u realistiċi u l-indikaturi proposti għal dawn l-istadji importanti huma rilevanti, aċċettabbli u robusti. L-istadji importanti u l-miri tal-RRP tad-Danimarka jikkostitwixxu sistema xierqa għall-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-RRP. Il-mekkaniżmi ta' verifika, il-ġbir tad-*data* u r-responsabbiltajiet deskritti mid-Danimarka huma robusti biżżejjed biex jiġġustifikaw b'mod adegwat it-talbiet għal żborż ladarba l-istadji importanti u l-miri jiġu vvalutati bħala kkompletati. Id-*data* speċifika li ser tinġabar mill-proġetti hija *data* dwar ir-riċevituri/benefiċjarji finali, il-kuntratturi u s-sottokuntratturi. Il-ġbir ta' din id-*data* ser iservi l-iskop li jinkiseb għarfien dwar ir-riskji speċifikament fir-rigward tar-riskji ta' "konċentrazzjoni" u "reputazzjonali".

- (37) L-istadji importanti u l-miri huma rilevanti wkoll għall-miżuri li huma eliġibbli skont l-Artikolu 17(2) tar-Regolament (UE) 2021/241. L-effetti legali li għaddejjin bħalissa huma murija fl-Artikolu 24(3) ta' dak ir-Regolament, kif ukoll fl-Artikolu 24(2) ta' dak ir-regolament li jirrikjedi t-tlestija tal-istadji importanti u l-miri għal tali miżuri sabiex jiġġustifikaw talba għal żborż.”
- (38) L-Istati Membri jenħtieġ li jiżguraw li l-appoġġ finanzjarju taħt il-Faċilità jiġi kkomunikat u rikonoxxut f'konformità mal-Artikolu 34 tar-Regolament (UE) 2021/241. L-appoġġ tekniku jista' jintalab taħt l-Istrument ta' Appoġġ Tekniku stabbilit fir-Regolament (UE) 2021/240 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹ biex jassisti lill-Istati Membri fl-implimentazzjoni tal-RRP tagħhom.

Estimi tal-prezzijiet

- (39) F'konformità mal-Artikolu 19(3)(i) u mal-kriterju 2.9 tal-Anness V tar-Regolament (UE) 2021/241, il-ġustifikazzjoni pprovduta fl-RRP għall-ispiża totali stmata tal-RRP hija sa ċertu punt (Klassifikazzjoni B) raġonevoli u plawżibbli, f'konformità mal-prinċipju tal-kosteffiċjenza u proporzjonata mal-impatt ekonomiku u soċjali nazzjonali mistenni.
- (40) Id-Danimarka pprovdiet stimi tal-ispejjeż għall-miżuri kollha fis-seba' komponenti tal-RRP. L-istimi jipprovdu xi għarfien dwar l-elementi tal-ispejjeż u l-fatturi tal-ispejjeż. F'xi każijiet, dawn huma bbażati fuq miżuri ta' politika preċedenti, riċerka u sorsi oħra simili. L-akbar elementi ta' spiża huma bbażati fuq simulazzjonijiet makroekonomiċi. Xi elementi tal-ispejjeż huma akkumpanjati minn dokumentazzjoni mhux kompluta bħal kuntratti, prezzijiet tal-unità jew suppożizzjonijiet.

¹ Ir-Regolament (UE) 2021/240 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Frar 2021 li jstabbilixxi l-Istrument ta' Appoġġ Tekniku (ĠU L 57, 18.2.2021, p. 1).

(41) Id-Danimarka pprovdiet stimi tal-ispejjeż għall-miżuri kollha ta' investiment fl-RRP. Il-kostijiet tal-miżuri tat-taxxa ġenerali, bħall-iskemi ta' deprezzament skont ir-riforma tat-taxxa ekoloġika u l-iskema tat-tnaqqis tat-taxxa RuŻ, ġew stmata bl-użu ta' mudelli. Għal investimenti fejn kienu jeżistu miżuri simili fil-passat, bħal miżuri ta' effiċjenza fl-enerġija jew appoġġ għad-diġitalizzazzjoni tal-SMEs, l-istimi tal-ispejjeż kienu spjegati b'mod ċar, u kien possibbli li tiġi identifikata b'mod ċar il-metodoloġija użata. Fil-każ ta' riformi, bħall-istrateġija diġitali l-ġdida, jew għal miżuri ġodda, bħal proġetti ta' riċerka u żvilupp ibbażati fuq missjoni, jew miżuri mingħajr skemi simili fil-passat, l-istimi tal-ispejjeż kienu inqas żviluppati. Fl-aħħar nett, l-ispiża totali stmata tal-RRP hija konformi mal-prinċipju tal-kosteffiċjenza u hija proporzjonata mal-impatt ekonomiku u soċjali nazzjonali mistenni.

Ħarsien tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni

(42) F'konformità mal-Artikolu 19(3)(j) u mal-kriterju 2.10 tal-Anness V tar-Regolament (UE) 2021/241, l-arranġamenti proposti fl-RRP huma adegwati (Klassifikazzjoni A) biex jipprevjenu, jidentifikaw u jikkoreġu l-korruzzjoni, il-frodi u l-kunflitti ta' interess meta jintużaw il-fondi previsti skont dan ir-Regolament, u l-arranġamenti huma mistennija li jevitaw b'mod effettiv il-finanzjament doppju skont dak ir-Regolament u minn programmi oħra tal-Unjoni. Dan huwa mingħajr preġudizzju għall-applikazzjoni ta' strumenti u għodod oħra li jippromwovu u jinfurzaw il-konformità mad-dritt tal-Unjoni, inkluż għall-prevenzjoni, l-identifikazzjoni u l-korrezzjoni tal-korruzzjoni, il-frodi u l-kunflitti ta' interess, u għall-protezzjoni tal-baġit tal-Unjoni f'konformità mar-Regolament (UE, Euratom) 2020/2092 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹.

¹ Ir-Regolament (UE, Euratom) 2020/2092 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2020 dwar reġim ġenerali ta' kondizzjonalità għall-protezzjoni tal-baġit tal-Unjoni (OJ L 433I , 22.12.2020, p. 1).

- (43) L-RRP huwa akkumpanjat minn miżuri ta' implimentazzjoni sodisfaċenti, inklużi miżuri komprensivi ta' salvagwardja fir-rigward tal-kontroll u l-awditjar. Il-Ministeru tal-Finanzi għandu jkun responsabbli b'mod ġenerali għall-implimentazzjoni tal-RRP u għandu jwieġeb f'isem ministeri oħra għall-aspetti operattivi u amministrattivi tal-RRP. Fi ħdan il-Ministeru tal-Finanzi, l-Uffiċċju tal-Awditjar u s-Superviżjoni (OAS) huwa responsabbli għat-twettiq ta' kontrolli rigward l-applikazzjoni tal-fondi mill-ministeri u d-dokumentazzjoni u t-twettiq tal-miri u l-istadji importanti.
- (44) L-RRP tad-Danimarka jiddikjara l-proċeduri li huma fis-seħħ biex tiġi żgurata l-konformità mal-liġi applikabbli tal-Unjoni u nazzjonali, matul l-implimentazzjoni tal-miżuri kollha. B'kollox, is-sistema ta' kontroll u arranġamenti rilevanti oħra, inkluż għall-ġbir u d-disponibbiltà ta' data dwar il-benefiċjarji finali, huma adegwati fir-rigward tal-prevenzjoni, l-identifikazzjoni u l-korrezzjoni tal-korruzzjoni, il-frodi, u l-kunflitti ta' interess meta jintużaw il-fondi skont ir-Regolament (UE) 2021/241 u biex jiġi evitat finanzjament doppju skont dak ir-Regolament u programmi oħra tal-Unjoni. Kull wieħed mid-disa' ministeri responsabbli li għandhom ikunu involuti fl-implimentazzjoni tal-komponenti għandu jgħid dikjarazzjoni ta' ġestjoni tal-RRF (Recovery and Resilience Facility) mal-Uffiċċju tal-Awditjar u s-Superviżjoni li jwettaq kontrolli u superviżjoni.
- (45) Is-sistema ta' kontroll intern deskritta fl-RRP tad-Danimarka tippreżenta proċess u struttura robusti, fejn ir-rwoli u r-responsabbiltajiet huma definiti b'mod ċar u l-funzjonijiet ta' kontroll rilevanti huma segregati b'mod xieraq. Is-sistema ta' kontroll u arranġamenti rilevanti oħra, inkluż għall-ġbir ta' data dwar ir-riċevituri finali u d-disponibbiltà tagħha, huma adegwati. Id-Danimarka indikat l-introduzzjoni tas-sistema ARACHNE biex tissupplimenta l-użu tas-sistemi nazzjonali fir-rigward ta' ċerti rekwiżiti tal-RRP.

Koerenza tal-RRP

- (46) F'konformità mal-Artikolu 19(3)(k) u mal-kriterju 2.11 tal-Anness V tar-Regolament (UE) 2021/241, l-RRP jinkludi ħafna miżuri (Klassifikazzjoni A) għall-implimentazzjoni ta' riformi u proġetti ta' investiment pubbliku li jirrappreżentaw azzjonijiet koerenti.
- (47) L-RRP tad-Danimarka huwa kkaratterizzat minn viżjoni konsistenti biex l-irkupru jintuża bħala ingranaġġ biex titħaffef it-tranżizzjoni ekoloġika, li turi koerenza bejn il-komponenti u l-miżuri individwali. Ir-riformi u l-investimenti f'kull komponent huma konsistenti u jsaħħu lil xulxin, u jeżistu sinerġiji u komplementarjetajiet bejn il-komponenti. L-ebda waħda mill-miżuri proposti f'komponent ma tikkontradixxi jew iddgħajjef l-effettività tal-miżuri l-oħra, u ma ġiet identifikata l-ebda inkonsistenza jew kontradizzjoni bejn il-komponenti differenti.

Ugwaljanza

- (47) L-RRP fih miżuri li huma mistennija li jgħinu lid-Danimarka tindirizza l-isfidi li jirriżultaw mill-ugwaljanza bejn is-sessi u l-opportunitajiet indaqs għal kulħadd. Dawn jinkludu miżuri li jippromwovu l-użu ta' soluzzjonijiet diġitali fis-settur tal-kura tas-saħħa, bħal konsultazzjonijiet bil-vidjo, li għandhom jappoġġaw l-aċċess tal-gruppi vulnerabbli għall-kura tas-saħħa. Sar ukoll provvediment biex jjiġi żgurat li l-bilanċ bejn is-sessi u d-diversità tat-timijiet ta' riċerka jiġu inklużi fil-valutazzjoni ġenerali tal-applikazzjonijiet għall-iskema ta' riċerka u żvilupp ekoloġiċi. Il-kunsiderazzjonijiet tal-ugwaljanza huma mistennija wkoll li jiġu integrati fit-tfassil tal-istrateġija diġitali l-għdida.

Awtovalutazzjoni tas-sigurtà

- (49) Ma ġietx ipprovduta awtovalutazzjoni tas-sigurtà peress li ma tqisitx xierqa mid-Danimarka, skont l-Artikolu 18(4) punt (g) tar-Regolament (UE) 2021/241.

Proċess ta' Konsultazzjoni

- (50) Skont il-qafas legali nazzjonali, l-istadji preparatorji tal-RRP tad-Danimarka kienu kkaratterizzati minn livell sostanzjali ta' konsultazzjoni mas-sħab soċjali u l-organizzazzjonijiet tan-negozju. Il-partijiet ikkonċernati ġew ikkonsultati fil-kuntest ta' "timijiet ta' bidu mill-ġdid" u "sħubijiet klimatiċi" nazzjonali matul it-tnejn tal-RRP. L-inizjattivi mit-timijiet ta' bidu mill-ġdid u s-sħubijiet dwar il-klima kkontribwixxew għal inizjattivi tal-gvern li sussegwentement kien hemm qbil dwarhom fil-Parlament Daniż.
- (51) Il-fatt li l-miżuri li għandhom jiġu ffinanzjati skont ir-Regolament (UE) 2021/241 ġew inklużi fil-baġit nazzjonali u f'diversi ftehimiet politiċi wesgħin, b'mod partikolari r-riforma tat-taxxa ekoloġika u l-miżuri tat-trasport bit-triq sostenibbli, implika viżibbiltà sostanzjali fost il-pubbliku ġenerali politikament interessat. L-RRP jindika impenn ċar mid-Danimarka li taderixxi mal-obbligi dwar il-komunikazzjoni, kif stabbiliti fir-Regolament.
- (51) Sabiex tiġi żgurata s-sjeda mill-atturi rilevanti, huwa kruċjali li jiġu involuti l-awtoritajiet lokali u l-partijiet ikkonċernati kollha kkonċernati, inklużi s-sħab soċjali, matul l-implimentazzjoni tal-investimenti u r-riformi inklużi fl-RRP. L-Istati Membri jenħtieġ li jiżguraw li l-finanzjament taħt il-Faċilità jiġi kkomunikat u rikonoxxut permezz ta' dikjarazzjoni ta' finanzjament.

Valutazzjoni pożittiva

- (53) Wara l-valutazzjoni pożittiva tal-Kummissjoni dwar l-RRP tad-Danimarka, bis-sejba li l-RRP jikkonforma b'mod sodisfaċenti mal-kriterji għall-valutazzjoni stabbiliti fir-Regolament (UE) 2021/241, f'konformità mal-Artikolu 20(2) u mal-Anness V ta' dak ir-Regolament, jenħtieġ li din id-Deċiżjoni tistabilixxi r-riformi u l-proġetti ta' investiment meħtieġa għall-implimentazzjoni tal-RRP, l-istadji importanti, il-miri u l-indikaturi rilevanti, u l-ammont disponibbli mill-Unjoni fil-forma ta' appoġġ finanzjarju li ma jitħallasx lura.

Kontribuzzjoni finanzjarja

- (54) L-ispiża totali stmata tal-RRP tad-Danimarka hija ta' DKK 12 010 000 000, li hija ekwivalenti għal EUR 1 615 267 709 fuq il-bażi tar-rata ta' referenza ta' EUR DKK tal-BĊE tat-30 ta' April 2021. Dan l-ammont huwa relatat esklussivament man-nefqiet u għalhekk jeskludi r-rikavati mistennija mir-riforma tat-taxxa relatata mat-taxxi fuq l-emissjonijiet fuq in-negozji li d-Danimarka tistenna li jammontaw għal DKK 410 000 000, li jammontaw għal EUR 55 142 361. Billi l-RRP jikkonforma b'mod sodisfaċenti mal-kriterji għall-valutazzjoni stabbiliti fir-Regolament (UE) 2021/241 u, barra minn hekk, billi l-ammont tal-ispejjeż totali stmata tal-RRP huwa ogħla mill-kontribuzzjoni finanzjarja massima disponibbli għad-Danimarka, il-kontribuzzjoni finanzjarja allokata għall-RRP tad-Danimarka jenħtieġ li tkun daqs l-ammont totali tal-kontribuzzjoni finanzjarja disponibbli għad-Danimarka.

- (55) F'konformità mal-Artikolu 11(2) tar-Regolament (UE) 2021/241, il-kalkolu tal-kontribuzzjoni finanzjarja massima għad-Danimarka għandu jiġi aġġornat sat-30 ta' Ġunju 2022. Għaldaqstant, f'konformità mal-Artikolu 23(1) ta' dak ir-Regolament, jenħtieġ li ammont għad-Danimarka li ma jaqbix il-kontribuzzjoni finanzjarja massima msemmija fl-Artikolu 11(1), punt (a), ta' dak ir-Regolament isir disponibbli għal impenn legali sal-31 ta' Diċembru 2022. Fejn meħtieġ wara l-aġġornament tal-kontribuzzjoni finanzjarja massima, jenħtieġ li l-Kunsill, fuq proposta mill-Kummissjoni, jemenda din id-Deċiżjoni biex tinkludi l-kontribuzzjoni finanzjarja massima aġġornata, ikkalkulata skont l-Artikolu 11(2) ta' dak ir-Regolament, mingħajr dewmien żejjed.
- (56) L-appoġġ li għandu jingħata għandu jiġi ffinanzjat mill-għoti b'self mill-Kummissjoni f'isem l-Unjoni fuq il-bażi tal-Artikolu 5 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE, Euratom) 2020/2053¹. L-appoġġ jenħtieġ li jitħallas f'pagamenti parzjali ladarba d-Danimarka tkun issodisfat b'mod sodisfaċenti l-istadji importanti u l-miri rilevanti identifikati fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-RRP.
- (57) Id-Danimarka talbet prefinanzjament ta' 13 % tal-kontribuzzjoni finanzjarja. L-ammont jenħtieġ li jkun disponibbli għad-Danimarka soġġett għad-dħul fis-seħħ u f'konformità mal-ftehim previst fl-Artikolu 23(1) tar-Regolament (UE) 2021/241 ("il-ftehim ta' finanzjament").

¹ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE, Euratom) 2020/2053 tal-14 ta' Diċembru 2020 dwar is-sistema tar-riżorsi proprji tal-Unjoni Ewropea u li tħassar id-Deċiżjoni 2014/335/UE, Euratom (ĠU 424, 15.12.2020, p. 1).

(58) Jenħtieġ li din id-Deċiżjoni tkun mingħajr preġudizzju għall-eżitu ta' kwalunkwe proċedura marbuta mal-ġhoti ta' fondi tal-Unjoni skont kwalunkwe programm tal-Unjoni għajr għall-Faċilità jew għal proċeduri marbuta ma' distorsjonijiet tal-operazzjoni tas-suq intern li jistgħu jitwettqu, b'mod partikolari skont l-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat. Hija ma twarrabx il-ħtieġa li l-Istati Membri jinnotifikaw każijiet ta' għajjnuna potenzjali mill-Istat lill-Kummissjoni skont l-Artikolu 108 tat-Trattat,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-RRP

Il-valutazzjoni tal-RRP tad-Danimarka fuq il-bażi tal-kriterji previsti fl-Artikolu 19(3) tar-Regolament (UE) 2021/241 hija approvata. Ir-riformi u l-proġetti ta' investiment skont l-RRP, l-arranġamenti u l-iskeda ta' żmien għall-monitoraġġ u l-implimentazzjoni tal-RRP, inkluż l-istadji importanti u l-miri rilevanti, l-indikaturi rilevanti marbuta mal-issodisfar tal-istadji importanti u l-miri previsti, u l-arranġamenti biex il-Kummissjoni tagħti aċċess sħiħ għad-*data* rilevanti sottostanti huma stabbiliti fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2
Kontribuzzjoni finanzjarja

1. L-Unjoni għandha tqiegħed għad-dispożizzjoni tad-Danimarka kontribuzzjoni finanzjarja, fil-forma ta' appoġġ li ma jitħallasx lura, li tammonta għal EUR 1 551 401 105¹. Ammont ta' EUR 1 302 852 547 għandu jkun disponibbli biex jiġi impenjat legalment sal-31 ta' Diċembru 2022. Jekk l-aġġornament previst fl-Artikolu 11(2) tar-Regolament (UE) 2021/241 jirriżulta f'kontribuzzjoni finanzjarja massima aġġornatagħad-Danimarka li tkun ugwali għal EUR 1 551 401 105 jew aktar, ammont ieħor ta' EUR 248 548 558 għandu jkun disponibbli biex jiġi impenjat legalment mill-1 ta' Jannar 2023 sal-31 ta' Diċembru 2023. Jekk l-aġġornament previst fl-Artikolu 11(2) tar-Regolament (UE) 2021/241 jirriżulta f'kontribuzzjoni finanzjarja massima aġġornata għad-Danimarka li tkun anqas minn EUR 1 551 401 105, id-differenza bejn il-kontribuzzjoni finanzjarja massima aġġornata u l-ammont ta' EUR 1 302 852 547 għandha tkun disponibbli biex tiġi impenjata legalment f'konformità mal-proċedura stabbilita fl-Artikolu 20(8) tar-Regolament (UE) 2021/241 mill-1 ta' Jannar 2023 sal-31 ta' Diċembru 2023.

¹ Dan l-ammont jikkorrispondi għall-allokazzjoni finanzjarja wara t-tnaqqis tas-sehem proporzjonali tad-Danimarka tal-ispejjeż imsemmija fl-Artikolu 6(2) tar-Regolament (UE) 2021/241, ikkalkulat skont il-metodoloġija stabbilita fl-Artikolu 11 ta' dan ir-Regolament.

2. L-Unjoni għandha tagħmel il-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni disponibbli għad-Danimarka fi ħlasijiet parzjali f'konformità mal-Anness ta' din id-Deċiżjoni. Ammont ta' EUR 201 682 144 għandu jsir disponibbli bħala pagament ta' prefinanzjament, ugwali għal 13 % tal-kontribuzzjoni finanzjarja. Il-Kummissjoni tista' tiżborża l-prefinanzjament u l-ħlasijiet parzjali f'segment wieħed jew f'diversi segmenti. Id-daqs tas-segmenti għandu jkun soġġett għad-disponibbiltà tal-finanzjament.
3. Il-prefinanzjament għandu jkun rilaxxat soġġett għad-dħul fis-seħħ u f'konformità mal-ftehim ta' finanzjament. Il-prefinanzjament għandu jitħallas billi jitnaqqas proporzjonalment mill-pagament tal-ħlasijiet parzjali.
4. Ir-rilaxx tal-ħlasijiet parzjali f'konformità mal-ftehim ta' finanzjament għandu jkun kondizzjonali għall-finanzjament disponibbli u deċiżjoni mill-Kummissjoni, f'konformità mal-Artikolu 24 tar-Regolament (UE) 2021/241, li d-Danimarka tkun laħqet b'mod sodisfaċenti l-istadji importanti u l-miri rilevanti identifikati fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-RRP. Sabiex tkun eliġibbli għal pagament, id-Danimarka għandha tilħaq l-istadji importanti u l-miri sa mhux aktar tard mill-31 ta' Awwissu 2026, soġġett għad-dħul fis-seħħ tal-impenji legali msemmija fil-paragrafu 1.

Artikolu 3
Destinatarju

Din id-Deċiżjoni hi indirizzata lir-Renju tad-Danimarka.

Magħmul fi...

Għall-Kunsill
Il-President
